Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 111/2018

Il-Pulizija

Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi

Vs

Keith Lia

Illum 12 ta' Dicembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Keith Lia detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 520987M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fil-31 ta' Dicembru 2015 ghall-habta ta' 11:30 a.m. fi Triq in-Naxxar, B'Kara waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KTH 211;

1. B'manjiera traskurata;
2. B'manjiera perikoluza;
3. Kif ukoll bla kont;
4. U aktar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma'

mutur Nru DOX 001 u involontarjament ikkaguna offizi ta'natura gravi fuq il-persuna ta' Edward Zammit skond kif iccertifika Dr. Rene' Camilleri M.D. ta' Mater Dei;

5. Kif ukoll naqas li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega meta kien hiereg ghal fuq triq principali;
6. U aktar naqas li jieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika 'stop';
7. Kif ukoll b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' mutut Nru DOX 001 u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Security Services Ltd, San Gwann.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-LS 65.11 u l-LS 65.05, ma sabitx lill-imputat hati u lliberatu mill-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat Keith Lia esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata wara li tisma' dan l-appell u minflok issib lill-appellat Keith Lia hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tinfliggi l-piena skont il-ligi u fil-parametri relattivi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioe`:-

Illi l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom in kwantu hija l-umli fehma tal-esponent li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u sussegwentament waslet ghal

applikazzjoni zbaljata tal-ligi. Ghaldaqstant l-esponent qieghed jintavola dan l-umli appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 63 tal-Kap. 65 u l-artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi qabel kollox ikun opportun li tigi elenka l-gurisprudenza nostrana, li ormai illum hija pacifika, fejn tali gurisprudenza identifikat il-livell ta' negligenza fis-sewqan, u dana billi l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tenniet li:

**"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsaisi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq regonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalità ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat….."**

**"Sewqan bla kont hu deskritt fl-artikolu 15(2) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) bhala sewqan "bi traskuragni kbira". Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji"**

**"Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-propjeta' taghhom. Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-prezenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjien bir-rigel."**

Illi l-kuncett ta' "proper lookout" gie stabbilit li jfisser:

**"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead, it includes an awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road passing through a built-up area, of the pavements or the side of the road as well."**

Illi *inoltre'* l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) irriteniet li:

**"… kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul vs. Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenunt li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892]).**

Illi l-ahjar prova disponibbli fil-kaz odjern huwa l-filmat mill-kameras ta' CCTV ezebit a fol 22 u mmarkat bhala DOK PGS1. Il-filmat juri ezattament l-manuvri maghmula miz-zewg sewwieqa, fejn wara li tefghet mal-gemb it-terza vettura li hija Karozza tal-Linja, jidher l-appellat bil-vettura tat-tip Opel qieghed jemergi minn fuq l-i"Stop Sign" ghall-karreggata opposta, minn triq sekondarja ghal wahda principali. Nelfrattemp jidher ghaddej il-Parte Civile fuq il-mutur, li kien u baqa' sejjer fi triqtu, fil-karreggata tat-triq principali, u waqt dan kollu l-vetturi iltaqghu u sehhet il-kollizjoni;

Illi ghalkemm il-Qorti rrikonoxxiet dak li komunament maghruf bhala "*cautious filtering*" jew "*lane filtering*", din izda tenniet li dan ma japplikax ghall-kaz in dizamina *stante* li l-manuvra tal-Parte Civile kienet dik ta' "*overtaking*", cioe' sar "*overtaking*" mill-mutur fuq il-Karozza tal-Linja;

Illi bid-dovut rispett l-esponent ma jaqbilx ma' tali interpretazzjoni, dan ghaliex il-Karozza tal-Linja ghamlet manuvra partikolari, li kienet determinanti hafna. Is-sewwieqa tal-Karozza tal-Linja fix-xhieda taghha fil-bidu tal-atti processwali (folio ma hemmx) tghid li minhabba li t-"*traffic lights*", li jinsabu aktar 'il fuq, waqfet qabel **"biex ma naghlaqx it-triq. Hekk tghid il-ligi suppost"**.

Illi s-sewwieqa tal-Karozza tal-Linja, cioe' Josianne Sultana, ikkonstatat li l-mutur kien gej b'velocita' b'sahhitha *siccome* ma ratux gej. Bid-dovut rispett tali prova trid

tkun wahda xjentifika u mhux mibnija fuq is-suppozizzjoni, niftakru li hawn qeghdin fil-kamp penali, u talli prova zgur ma tlahhaqx il-livell tal-probabbli;

Illi mill-filmat prezentat in atti jemergu, inter alia, zewg fatti li l-Karozza tal-Linja waqfet mal-gemb qabel it-"*traffic lights*" u li l-vizwal tal-vetturi, minhabba l-Karozza tal-Linja kienet ostakolata;

Illi l-esponent qieghed jikkontendi li l-manuvra tal-Parte Civile la kienet "*overtaking*" u lanqas ma kienet "*lane filtering*" stante li gialadarba l-Karozza tal-Linja tefghet mal-gemb, il-mutur sempliciment kompla fid-dritta tieghu, fuq l-istess karreggata, *sic et semplicitur*.

Illi bl-agir taghha, is-sewwieqa tal-Karozza tal-Linja, liema agir zgur li sar ghat-tajjeb, *nonostante cio* induca lil Parte Civile sabiex ikompli fi triqtu, u ma seta' qatt jissoponi li l-imsemmija sewwieqa cediet lil vettura ohra bil-ghan li temergi minn triq sekondarja;

Illi b'referenza ghall-gurisprudenza *supra* citata, l-esponent jissottometti li l-"*proper lookout*" kien jinkombi fuq l-appellat li malli jkun qieghed jemergi minn triq sekondarja joqghod attent ferm li jkollu vizwal adegwat u angulatura korretta;

Illi *nonostante* li l-appellat kellu l-"*go ahead*" tas-sewwieqa tal-Karozza tal-Linja, dan bl-ebda mod ma jezonerah mir-responsabilita' u zamma tal-"*proper lookout*" fil-livell ta' *bonus paterfamilias*, li finalment kien jinkombi fuqu;

Illi mill-kumplament tal-provi l-ohra kollha emergenti mill-atti processwali, l-esponent umilment jissottometti li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, u dana rigward l-imputazzjonijiet kollha dettoti kontra l-appellant.

Ikkunsidrat;

Illi quddiem l-Ewwel Qorti xehdu WPS 301 L. Vella permezz tal-procedura tal-affidavit. Gie prezentat *full report traffic accident report*, certifikat mediku rigwardanti Edward Zammit u skizz. Xehdet Josianne Sultana. Gew prezentati r-ritratti mmarkati bhala Dok KL1 sa Dok KL4. Xehed Joseph Psaila bhala rapprezentant ta'

Security Service Malta Ltd fejn gew prezenti numru ta' ritratti. Gie prezentat filmat tac-CCTV immarkat bhala Dok PGS1. Gie prezentat affidavit ta' Dr Rene' Alexander Camilleri flimkien ma' kopja ta' certifikat mediku mahrug rigwardanti Edward Zammit. Xehed ukoll Edward Zammit li prezenta medical *case summary* mahruga mill-Isptar Mater Dei u mmarkata bhala Dok EZ1, sett ta' ritratti mmarkati bhala Dok EZ2, stills mmarkati bhala Dok EZ3[1] sa Dok EZ10 u vera kopja ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet 'Kevin Vella (ID: 127178M) vs David Briffa'[2] mmarkata bhala Dok EZ11. Xehed minn jeddu l-imputat Keith Lia u gew prezentati ritratti ta' screenshots tal-filmat immarkati bhala Dok KL1 sa Dok KL3.

Illi in breve nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ghal habta tal-hdax u nofs (11:30hrs) fi Triq in-Naxxar, Birkirkara sehh incident bejn il-vettura misjuqa mill-akkuzat Keith Lia bin-numru ta' registrazzjoni KTH211 u l-parte civile Edward Zammit li kien qieghed isuq mutur bin-numru ta' registrazzjoni DOX 001.

Illi l-akkuzat Keith Lia kien wieqaf qabel sinjal li jindika 'stop' izda wara li sewwieqa ta' karozza tal-linja li waqfet fit-triq principali kantuniera mat-triq sekondarja li fiha kien Keith Lia taghtu l-'go ahead' sabiex jipprocedi u hekk kif Keith Lia saq ghad-direzzjoni ta' Hal-Lija sehh l-impatt mal-mutur misjuq mill-parte civile Edward Zammit li kien qieghed jinstaq fil-gemb, tul tal-linja. Gew sofferti hsarat fuq il-mutur ghad-dannu ta' Secuirty Services Ltd[3] u l-vettura misjuqa minn Keith Lia filwaqt li l-parte civile Edward Zammit sofra griehi gravi. Sussegwentement inhargu akkuzi fil-konfront taz-zewg sewwieqa.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant Avukat Generali issottometta li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u sussegwentement waslet ghal applikazzjoni zbaljata tal-ligi. L-appell huwa ghalhekk principarjament ibbazat fuq l-apprezzament tal-provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti. Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma

[1] Zewg ritratti a fol 40 u 41 huma lkoll immarkati bhala Dok EZ3
[2] Deciza fis-7 ta' ottubru, 2015 (Rikors numru: 310/2007/JPG)
[3] Skont ma taqra s-seba' (7) akkuza.

tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Illi kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca**[4] :

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[5]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [6]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[7]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[8]" u ohrajn.'* (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi citati jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Il-Qorti kompliet tikkunsidra:

*'Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** *fil-kawza "**R. v. Cooper**"[9] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)* (Dettalji dwar din il-kawza kif citata is-sentenza citata jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna*):-*

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be*

---

[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994;
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989;
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991;
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991;
[9] [1969] 1 QB 276

*very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**[10]). (Referenza tinsab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-istess Qorti fl-istess sentenza[11] kompliet tikkunsidra li:

*'Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**"*[12], *inghad illi :-*

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta .... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament".* (Dettalji dwar din il-kawza kif citatati fis-sentenza citata jinsabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna).

Illi l-appellant Avukat Generali beda sabiex ghamel referenza ghal gurisprudenza rigwardanti l-livell ta' negligenza fis-sewqan u l-kuncett ta' *proper lookout*. Rigwardanti l-livell ta' negiglenza fis-sewqan, l-appellant iccita is-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Alfred Mifsud'**[13] fejn gie kkunsidrat:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn,*

[10] (1991) , p. 1392
[11] Fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spt. J. Agius) Vs Guzeppi Bilocca' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar, 2009 (Appell Kriminali Numru: 273/2008)
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994;
[13] Deciża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju, 1997

*jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il- grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'ghandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.* ***Sewqan perikoluz*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' taghhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin w il-lokalita' tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema każ, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena, il-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluż." (**ara The Police vs Charlotte Chamberlain**[14]);'* (Emfazi mizjuda u dettalji tas-sentenza kif citata jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna).

L-appellant ghamel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Renald Vella'**[15] fejn gie kkunsidrat li:

*'Il-kuncett ta' proper lookout gie elaborat ahjar fis-sentenza tal-**Qorti Ingliza** fil-kaz **Newhaus N.D. Bastion Insurance Co. Ltd.**, (1968) fejn gie ritenut li:*

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead, it includes an awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road passing through a built-up area, of the pavements or the side of the road as well."'*

---

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Mejju, 1996

[15] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar id-19 ta' Mejju, 2014 (Numru: 1249/2012)

Saret ukoll referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Zammit**[16]**.** F'dik is-sentenza gie kkunsidrat li:

'*U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali Il- Pulizija v. Mario Gellel deċiż fid-19 ta' Frar 2004:*

*"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Bartolo***[17]*, 14.3.59,* ***Pol. vs Wilson***[18] *u* ***Pul. vs Alfred Vella***[19]*) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs Hardingham***,[20]*). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia***[21]*). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina***,[22]*). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri***[23]*)".*' (Emfazi mizjuda minn din il-Qorti u dettalji tas-sentenzi citati f'dan il-bran jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jissottometti li l-ahjar prova disponsibbli fil-kaz odjern huwa l-filmat mill-kameras tac-CCTV esebit a fol 22 tal-process u mmarkat bhala Dok PGS1. L-appellant jissottometti li '*Il-filmat juri eżattament l-manuvri magħmula miż-żewġ sewwieqa, fejn wara li tefat mal-ġemb t-terza vettura li hija Karozza tal-Linja, jidher l-appellat bil-vettura tat-tip Opel qiegħed jemerġi min fuq lis-"Stop Sign" għal-karreġġata opposta, min triq sekondarja għal waħda prinċipali. Nelfrattemp jidher għaddej l-Parte Civile fuq il-mutur, li kien u baqa' sejjer fi triqtu, fil-karreġġata tat-triq prinċipali, u waqt dan kollu l-vetturi iltaqgħu u seħħet il-kollżjoni;*'

---

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Jannar, 2016 (Appell Numu: 249/13 DS)
[17] Deciza fl-14 ta' Marzu, 1959
[18] *Vol. XXXIX iv. 1018*
[19] *Vol. XLIV, p. 933*
[20] Deciza fid-19 ta' Ottubru, 1963
[21] *Vol. XXXIX iv.9 78*
[22] Deciza fl-20 ta' April, 1963
[23] Vol. XLIV iv. 892

L-appellant Avukat Generali ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti fejn ikkunsidrat li l-manuvra tal-parte civile kienet dik ta' overtaking u dan peress li skont l-appellant l-Karozza tal-Linja ghamlet manuvra partikolari li kienet determinanti hafna fejn tghid li minhabba t-traffic lights li jinsabu aktar il-fuq, waqfet qabel biex ma taghlaqx it-triq. Josianne Sultana, is-sewwieqa tal-Karozza tal-Linja kkonstatat li l-mutur kien gej b'velocita b'sahhita. L-Avukat Generali jissottometti li tali prova trid tkun wahda xjentifika u mhux mibnija fuq is-suppozizzjoni, li tali prova il-kamp penali ma tlahhaqx il-livell tal-probabbli.

Illi l-appellant jghid li mill-filmat jemergu zewg fatti li l-Karozza tal-Linja waqfet mal-gemb qabel it-traffic lights u li l-vizwal tal-vetturi minhabba l-karozza tal-linja kienet ostakolata.

Ghall-apppellant Avukat Generali il-manuvra tal-parte ciile la kienet overtaking u lanqas ma kienet lane filtering izda la darba il-Karozza tal-Linja tefghat mal-gemb, il-mutur kompla fid-dritta tieghu fuq l-istess karreggata. Li ma seta' qatt jissoponi li s-sewwieq ta' tal-Linja cediet lil vettura ohra bil-ghan li termergi minn fuq triq sekondarja.

L-appellant jissottometti li l-*proper lookout* kien jinkombi fuq l-appellat li malli jkun qieghed jemergi minn triq sekondara joqghod attent ferm li jkollu vizwal adegwat u angulatura korretta. Jissottometti li nonostante li l-appellat kellu l-'go ahead' tas-sewwieqa tal-Karozza tal-Linja, dan bl-ebda mod ma jezonerah mir-responsabilta' u zamma tal-'proper lookout' fil-livell ta' *bonus paterfamilias* li kien jinkombi fuqu.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti tibda′ biex tikkunsidra li mill-filmat jirrizulta li l-akkuzat Keith Lia, ossia s-sewwieq tal-vettura l-hamra baqa' fuq l-istop jistenna sabiex jsuq ghat-triq principali u minn imkien ma jirrizulta li huwa baqa jsuq minn fuq l-istop sign. Edward Zammit fix-xhieda tieghu ta' nhar it-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li '*Kont ghaddej bil-mutur, fis-sens imma kont qed nislowja minhabba t-traffic lights. Ghaddej minn magenbu u ezatti x'hin wasalt magenb il-kabina, nara x-xufiera tghajjat.*' Mistoqsi '*Jigifieri inti qlajt il-karozza tal-linja*' wiegeb '*Ezattament.*

*Filtering.*' Jghid li '*x'hin wasalt hdejn il-kabina tat-trakk tal-linja, nara x-xufiera tgholli idejha "gej mutur, gej mutur" u tirt.*" Xehed li '*M'hemm l-ebda broken lines jew single white line jew hekk, u jien kont ghadni fuq 'sajdi' ghax tal-linja kienet qeghda nkaxxata mal-bankina.*' In kontro-ezami ikkonferma li jaf li hemm *side street*, kien jaf li qed jaqla il-karozza tal-linja u dwar is-*side street* jghid li '*kellha tkun maghluqa b'tal-linja.*' Jghid li '*tal-linja kienet wieqfa diga' x'hin jien kont gej minn warajha. Jiena komplejt bil-mod, filtering, sakemm nigi ghal mat-traffic lights, biex umbghad x'hin jeqilbu, nkompli ghaddej.*' Jghid li '*L-impatt sar fuq in-naha tal-karreggjata mmaginarja li m'hemmx linji, fin-naha li kont qieghed jiena ghaddej, via tieghi.*'

L-appellant Keith Lia minn-naha l-ohra fis-seduta ta' nhar it-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li '*Jiena bazikament waqaft, tajjeb, kont qieghed ovvjament il' gewwa iktar mill-linja. Fuq ix-xellug tieghi kien hemm il-lights. Kienu qeghdin fuq l-ahmar. Tajjeb. Jigifieri direzzjoni l'isfel kien hemm traffiku wieqaf. Jiena kont qed nistenna.*' Il-fatt li l-akkuzat Keith Lia kien qieghed jistenna fuq l-*istop sign* huwa evidenti mill-filmat tac-CCTV u minn imkien ma jirrizulta li naqas li jieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika 'stop'. Spjega li '*Jien ovvjament il-lights kienu homor, tajjeb. Kien hemm umbghad tal-linja, tajjeb, mill-lemin tieghi nizla l'isfel ukoll. Ovvjament waqfet, tajjeb, harist ovvjament lejha u 'acknowledgjatni' biex nghaddi. Ergajt iccekkjajt l'isfel biex nara jekk m'humiex telghin karozzi, tajjeb, u x'hin bazikament 'acknowledgjatni' harist lejha 'acknowledgjatjha' bhal speci grazzi u ha nibda' nikser il'fuq jiena biex indur, u sehh l-impatt f'daqqa u l-mument.*' Mistoqsi mill-Qorti '*Il-mutur x'hin rajtu l-ewwel darba?*' wiegeb '*Il-mutur letteralment zliga rajtu jien. Tipo x'hin kont qed nikser hassejt l-impatt u bbrejkjajt.*'

L-akkuzat appellat Keith Lia mistoqsi mill-prosekuzzjoni in kontro-ezami '*Fejn kont sejjer. Dawk gejjin, jigifieri tal-linja, kemm stajt tara vetturi wara tal-linja? Kemm kellek vizwal? Kellek vizwal ta' kemm metri?*' wiegeb '*Wara tal-linja ma kellix. Ma kontx qed nara, gha tal-linja kienet twila.*' Mistoqsi '*Mela ha nara jekk fhimtx sewwa. Inti waqaft fuq l-istop sign. Dead stop. Hiereg ghal minn secondary road ghal main road. U ghandek tal-linja wieqfa, qeghda tostakolalek il-vizwali. X'kienu l-prekawzjonijiet li hadt biex komplejt il-manuvra? Fehmni daqxejn xi prekawzjonijiet hadt?*' Wiegeb '*Mela jiena ovvjament kif*

*ghidt, ergajt harist ovvjament iz-zewg nahat tat-triq, biex nara ovvjament li ma kienux telghin karozzi. Fil-fatt fuq in-naha t'isfel il-lights kienu ghadhom, kif ghidt fuq l-ahmar. X'hin gejt biex nikser jiena ovvjament bhala speed bhal speci mhux li ghaggilt. Ghamilt manuvra normali qed naqla' bil-mod bhal speci. U qed nikser ma tal-linja l'fuq ghal fuq.*' Mistoqsi kienx hemm xi prekawzjonijiet ohra li ha, wiegeb '*Le nghidlek il-verita' forsi kelli t-tieqa tal-karozza mnizzla wkoll biex ovvjament biex dak. il-bqija.*' Spjega li '*Harist lejn tal-linja, ix-xufiera tal-linja, u bhal speci x'hin 'acknowledgjatni' biex nghaddi, cedietli, waqfitli biex nohrog, bdejt il-manuvra biex nikser il' fuq*'. Mistoqsi dwar l-angolu li johrog bih qal li '*Jiena nhobb ma nigix ezatt fuq l-istop sign per se. Ovvjament l-aktar lejn it-tarf. Kienet tippermettili dik il-linja li nibqa' fiha jiena. Jigifieri, specjalment fuq tal-linja.*' Jghid li ma jidhirlux li kien hemm ftit spazju bejnu u bejn tal-linja, xehed li mhux se jghaddi nkaxxat mieghu.

L-akkuzat Keith Lia spjega li ghafas il-brake x'hin hass id-daqqa ghax ma rahx. Spjega li '*Jien ovvjament kif ghidt, x'hin rajtu bhal speci nhsadt u r-reaction time ovvjament sakemm tibbrejkja u tieqaf il-karozza, jkun hemm certu tul*.' Jghid li ma rax il-mutur ghax tal-mutur ma kienx ghaddej bi speed baxx u jghid li ovvjament kien hemm il-kabina tal-linja tax-xufiera. *A tempo vergine*, skont ir-rapport tal-Pulizija a fol 4 u senjatament a fol qal li '*waqaft fuq l-istop u hrigt x'hin ma kien gej hadd u dort l'fuqu tal-mutur ma rajtux u tajjartu.*' Filwaqt li Edward Zammit, is-sewwieq tal-mutur *a tempo vergine* skont ir-rapport tal-Pulizija a fol 8 qal '*Kont ghaddej minn fejn il-mithna direzzjoni lejn il-wied u hareg mill-istop u ghollieni.*' Ftit granet wara l-incident, senjatament fl-erbgha (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) skont ir-rapport tal-Pulizija u senjatament a fol 11 Keith Lia mar jirraporta l-Ghassa '*stating that there was a bus who stopped so that he could get out from the sidestreet due to the fact that the pelican lights further up were red so as not to block his road while the bus waits and apparently the rider overtook the bus but the driver couldnt see him because of the bus and they collided. The driver of the bus namely Josianne Mob: 99176176 got out of BUS664 after the accident and also phoned the ambulance.*'

Skont l-istess rapport tal-Pulizija '*Josianne Sultana id: 24977M was duly contacted where she stated that she was with the bus and as the lights were red she stopped before the stop so*

*as not to obstruct the road and the driver of the vehicle got out and as he was getting in the other lane in Naxxar road the motorcycle appeared at a speed and collided with the car.*' Meta Josianne Sultana, is-sewwieqa tal-mutur xehdet quddiem l-Ewwel Qorti nhar id-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) spjegat li '*Jien kont għaddej bil-bus għax kont xogħol, u ġejja minn Ħal Lija Birkirkara sejra direzzjoni lejn il-Belt. Jiġifieri hawnhekk hawn il-mitħna u rajt il-lights weqfin. Jien waqaft. ħdejn il-mitħna eżatt hawnhekk hawn side street u waqaft biex ma nagħlaqx it-triq peress li rajt it-traffiku wieqaf. Sadanitant qiegħda wiqfa jien, minn din in-naħa ma kien ġej xejn.*' Spjegat '*Minn hemmhekk ma kioen ġej xejn għax kien hemm il-lights weqfin. B'hekk waqaft hawn jien biex ma nagħlkaqx din it-triq għax hawn is-side street. Kien hawn karozza u riedet titla' 'l fuq. Jien kont wieqfa. F'daqqa waħda ġie 'l barra minn ma' ġenbi mutur, daqqejt il-horn, li jien ma nafx x'se nagħmel u sar l-accident...*' In kontro-ezami tghid li l-mutur kien gej b'sahhtu u li lanqas hi ma ratu. Hi ratu kif gie maghha. L-ebda mis-sewwieqa ma gew akkuzati li saqu b'velocita eccessiva u minkejja li kemm Keith Lia kif ukoll is-sewwieqa tal-karozza tal-linja lkoll jghidu li l-mutu kien ghaddej b'velocita peress li ma rawhx, dan ma jistax jigi determinat b'mod assolut u ghalhekk din il-Qorti mhijiex qieghda tikkunsidra li Edward Zammit kien ghaddej b'velocita eccessiva ghalkemm ma jirrizultax li naqqas l-velocita' li biha kien ghaddej.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-Appellant Avukat Generali fejn jghid li '*illi l-esponent qieħed jikkontendi li l-manuvra tal-parte civile la kienet "overtaking" u l-anqas ma kienet "lane filtering" stante li ġialadarba l-karozza tal-linja tefat mal-ġemb, l-mutur sempliċiment kompla fid-dritta tiegħu, fuq l-istess karreġġata, sic et semplicitur*'. Filwaqt li ma jirrizultax li Edward Zammit kien qieghed jaghmel '*cautious filtering*' peress li ma kienx hemm traffiku wieqaf, la darba kien hemm karozza tal-linja vicin triq sekondarja ossia side street, ma kellux jibqa ghaddej daqs li kieku ma kien hemm l-ebda triq sekondarja li taghti ghal fuq din it-triq principali. Ghalhekk lanqas ma taqbel mal-Avukat Generali fejn fl-appell tieghu jghid li l-parte civile '*ma seta' qatt jissoponi li l-imsemmija sewwieqa ċedit lil vettura oħra bil-għan li temerrġi minn triq sekondarja*'. Jekk Edward Zammit ma setghax jiddetermina b'certezza r-raguni ghala kienet wieqfa tal-linja ma messu qatt baqa' ghaddej ma gemba. In oltre, mll-filmat jirrizulta li l-karozza tal-linja kienet ghada kif waqfet.

Illi r-regolament 184 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq (Highway Code) li jipprovdi specifikament:

*TAQLAX VETTURI OĦRA meta tkun qed tavviċina:*

- *post ta' qsim għall-pedestrians, pelican crossing jew traffic lights;*
- *triq li tagħqad m'oħra;*
- *kantuniera jew liwja iebsa;*
- *il-quċċata ta' għolja;*
- *post fejn il-livell tat-triq ikun se jitbaxxa u jerġa' jogħla f'daqqa.*

Is-sewwieq tal-mutur ma messu qatt baqa ghaddej ma gemb tal-linja meta kien jaf li kien hemm side street. Kif jipprovdi l-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq (Highway Code) fir-regolament 181:

'*Qatt taqla' vettura oħra qabel MA TKUN ĊERT li tista' tagħmel dan mingħajr periklu għalik jew għal ħaddieħor. Oqgħod attent speċjalment meta jkun qed jidlam jew ikun hemm iċ-ċpar, għax huwa diffiċli ħafna li tikkalkula l-veloċità jew id-distanza.*'

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghar-regolament 74 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq (Highway Code) li jipprovdi senjatament ghas-sewwieqa ta' muturi:

***'Meta ddur***

**74.** *Għandek tkun taf x'hemm warajk u fil-ġnub tiegħek qabel ma ddur. Ħares warajk; uża l-mirja li jkollok imwaħħlin. Meta tkun qed taqla' queues tat-traffiku, oqgħod attent għall-pedestrians li jkunu qed jaqsmu minn bejn il-vetturi u għal vetturi li ħerġin minn salib it-toroq.*'

Ikkunsidrat;

Illi dak li ghandha quddiema din il-Qorti huwa appell da parti tal-Avukat Generali mis-sentenza fejn Keith Lia gie liberat mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Kull sewwieq iwiegeb ghal agir tieghu, indipendentement minn dak li jaghmel sewwieq iehor, hlief meta r-responsabbilta' tal-incident tkun unikament tal-persuna l-ohra. Il-Qorti wara li fliet l-atti u l-filmat tac-CCTV sejra takkolja l-argument tal-

Avukat Generali fejn jissottometti li l-*proper lookout* kien jinkombi fuq l-appellat li malli jkun qieghed jemergi minn triq sekondarja joqghod attent ferm li jkollu vizwal adegwat izda dan ma jfissirx li s-sewwieq tal-mutur ma kisirx l-obbligi tieghu. Din il-Qorti taqbel li nonostante li l-akkuzat kellu l-go ahead tas-sewwieqa tal-karozza tal-linja, dan bl-ebda mod ma jezonerah mir-responsabilta' u zamma tal-proper lokout fil-livel ta' bonus paterfamlias li kien jinkombi fuqu. *Ir-regolament 213* tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq (Highway Code) jipprovdi li:

'*F'salib it-toroq jew għaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun ħiereġ minn, it-triq prinċipali.*'

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Denise Mula) Vs Natasha Mohnani</u>**[24]:

*Illi kif dejjem gie ritenut , "ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent , sija jekk ikun fuq it- triq id-dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, , hu intuwittiv li id-driver li jkun sejjer jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra, ghandu obbligu akbar minn dak tad-driver fuq it-triq id-dritta , u dana ghas-semplici raguni li hu jkun ser jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fuq it-triq id- dritta , mentri id-driver fuq it-triq id-dritta , ladarba ser ikompli ghad-dritt , ma jkun ser ifixkel lil hadd ."*[25]*. Gie ukoll ritenut li is-"side road user" ghandu dritt li jaqsam gol "main road" meta bid-debita prudenza ikun accerta ruhu li din hija libera (App. Krim.* ***<u>Pul. vs. Nazzareno Borg</u>*** *,*[26]*) u li "side road user" irid jidhol go "main road" bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma jiehux." (App. Krim.* ***<u>Pul. vs. Giuseppe Galdes</u>****, ,* [27]*)*'. (Emfazi mizjuda minn din il-Qorti u dettalji tas-sentenzi citati f'dan il-bran jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-istess sentenza[28] kkunsidrat ukoll li:

'*Illi pero' fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li is-sewqan tal-appellata jinkwadra ruhu f'sewqan*

---

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Lulju, 2012 (Appell Numru: 75/2001)
[25] Kollez. Vol. XXXVI , iv . p.797
[26] Deciza fit-12 ta' Novembru, 1960
[27] Vol. XXXVII , iv. p. 1108
[28] Fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Denise Mula) Vs Natasha Mohnani' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Lulju, 2012 (Appell Numru: 75/2001)

*b'manjiera traskurata aktar milli dak ta' sewqan perikoluz . Sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs. Antonio Spiteri*** *,[29]) mentri fis-sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim.* ***Pul vs. Charles Farrugia*** *,[30]) , element li jidher karenti f'dan l-incident.'* (Emfazi mizjuda minn din il-Qorti u dettalji tas-sentenzi citati f'dan il-bran jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs. Andrew Degabriele'**[31] gie kkunsidrat li:

*'Illi kif irriteniet din il-Qorti fis-Sentenza taghha tal-lum stess fil-kawza "**Pulizija vs. Domenic Fenech**" gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta li :- "hu dover ta' driver "to see what is in plain view" (App. Krim.* ***Pul. vs. Joseph Vella*** *-[32]) u li : "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma jkunx qed izomm "a proper lokout." (App. Krim.* ***Pul. vs. J. M. Laferla*** *;[33]) Gie ukoll ritenut li "is-side road user ghandu dritt li jaqsam gol-"main road" meta, bid-debita prudenza, ikun accerta ruhu li din hi libera ." - (App. Krim.* ***Pul. vs. Nazzareno Borg*** *;[34]) u "side road user" irid jidhol go "main road" bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma jiehux " ; (App. Krim.* ***Pul. vs. Giuseppe Galdes*** *;[35])*

*Illi l-awtur* ***O.C. MAZENGARD*** *fil-monografija tieghu : "Negligence on the Highway"[36] jghid :-*

*"...there is a well recognised rule that traffic entering or crossing a main road must give way to traffic proceeding along the main road from either direction ...It is important that the rule should be strictly observed and the right which it confers should not be allowed to be whittled away ; drivers who have the rule in their favour are entitled to expect that the rule will be observed by others."*

*Illi ghalkemm huwa minnu ukoll li gie ritenut minn din il-Qorti li f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu , indipendentement minn dak li jaghmel sewwieq iehor ,*

---

[29] Vol. XLIV , iv. p. 892
[30] VOL. XXXIX , iv , p.1018
[31] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' April, 2002 (Appell Numru: 24/2002)
[32] Deciza fl-10 ta' Awissu, 1963
[33] Deciza fis-17 ta' Gunju, 1961
[34] Deciza fit-12 ta' Novembru, 1960
[35] Vol. XXXVII , p.1108
[36] (Butterworth's Edit. 1962 .pp.326-327)

*ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti tas-sewwieq l-iehor (App.Krim .* ***Pul. vs. Gaetano Schembri*** *;[37]; **Pul. vs. John Polidano** ,[38]u* ***Pul. vs. Rev. C. Mifsud*** *;[39]u ohrajn ) kif ukoll li il-"contributory negligence " ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx hi kawza unika tas-sinistru " (App. Krim.* ***Pol. vs. P. Vassallo*** *,[40]) fil-fehma ta' din il-Qorti , dan hu proprju il-kaz li incident stradali gara unikament minnhabba in-negligenza tal-parti l- ohra involuta fl-incident u cioe' il-fatt li is-"side road user" David Attard ma rax il-mutur tal-appellant gej lejn l-inkrocju qabel ma hareg fuq u beda jaqsam il-"main road". Ovvjament jekk ma rahx gej dan kien indikattiv ta' nuqqas ta' "proper lookout" da parti tad-driver l-iehor li impedietu milli umbaghad jikkoordina il-manuvri tal-car tieghu ma dik tal-mutur tal-appellant.'* (Emfazi mizjuda minn din il-Qorti u referenzi u dettalji tas-sentenzi citati f'dan il-bran jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna).

Illi jirrizulta li l-akkuzat Keith Lia naqas milli jzomm *proper lookout* mhux biss ghax strah fuq '*go ahead*' li taghtu s-sewwieqa tal-karozza tal-linja li certament ghamlet dan in buona fede izda wkoll ghal fatt li anke wara li saq ghat-triq principali sakemm sar l-impatt huwa ma lehaqx lemah lil mutur izda lemhu biss mal-impatt.

Din il-Qorti filwaqt li taqbel mal-Ewwel Qorti fejn ikkunsidrat li '*Huwa ta' periklu kbir meta sewwieq jiddeciedi li jaghmel manuvra ta' overtaking meta jkun hemm triq li taghqad m'ohra, u din is-sitwazzjoni l-Kodici ghat-traffiku it-Triq isemmiha ghaliex tezisti sitwazzjoni fejn xi hadd li johrog minn stop sign ghaliex ikun qed icedilu xi hadd jista' jqieghed hajtu fil-periklu jekk xi vettura ohra tkun qed taqla l-vettura li cediet kif gara f'din ic-cirkustanza.*' Ma taqbilx fejn minkejja li fehmet li Keith Lia hu u hiereg ftit li xejn seta' jkollu vizwali cara ta' vetturi li setghu kienu qeghdin jaqbzu lil tal-linja u dan peress li tal-linja hija karozza gholja ikkunsidrat li '*Madankollu l-Qorti taqbel li Keith Lia ghamel dak li f'cirkustanzi simili bonus paterfamilias jaghmel. Ladarba l-karozza tal-linja waqfet biex iccedi u hu ra li ma kienux gejjin karrozzi mid-direzzjoni tax-xellug ghaliex kien hemm il-pelican lights homor seta' johrog mill-istop sign sabiex imur fejnghandu jmur. Keith*

[37] Deciza fis-16 ta' Marzu, 1961
[38] Deciza fit-3 ta' Novembru, 1963
[39] VOL. XXXVII . p.1131
[40] VOL. XXXVIII p. 883

*Lia ezercita l-proper look out kollu li seta' jezercita fic-cirkostani kollha tal-kaz in ezami. Keith Lia ma kellux ghalfejn ragonevolment jistenna li kien se jigi mutur jaqbez lil tal-linja u jahbat mieghu.*' Lanqas ma taqbel li Keith Lia ghamel dak mistenni minnu meta l-karozza tal-linja cedietlu biex johrog. L-akkuzat Keith Lia ha r-riskju fejn minkejja li ma kellux vizwali fuq naha minnhom tenut kont tat-tul u l-gholi tal-karozza tal-linja, iddecieda li fuq '*go ahead*' tax-xuffiera tal-linja jipprocedi xorta anke jekk ma kienx mistenni li vettura jew f'dan il-kaz mutur jghaddi minn ma gemb il-karozza tal-linja.

Illi minkejja n-nuqqasijiet da parti tal-parte civile Edward Zammit, fil-kamp penali kull persuna twiegeb ghan-nuqqasijiet taghha u ghalhekk ghalkemm il-kontributorja tista' tiqies f'dak li jirrigwarda l-piena, l-appellat Keith Lia ma jistax jiskolpa ruhu minhabba nuqqasijiet ta' terzi. F'dan ir-rigward, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Maurice Curmi v Joseph Mifsud'**[41] fejn gie kkunsidrat li:

'*Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill- **Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Novembru 1960** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nazzareno Borg** fejn gie deciz li:*

*"Is-side road user ghandu dritt li jaqsam ghal fuq main road meta, bid-debita prudenza, ikun accerta ruhu li din hi libera".*

*Anke kif gie deciz f'sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulziija v Guseeppe Galdes** –*[42]*, li:*

*"Side road user irid jidhol go main road bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma jiehux."*

*Gie wkoll ritenut minn dik l-istess Qorti, li f'Sede Kriminali, kull sewwieq iwiegeb ghal agir tieghu, indipendentement minn dak li jaghmel sewwieq iehor, ammenoche dak li jigri ma jkunx dovut unikament w esklussivament ghal htijiet da parti tas-sewwieq l-iehor. [**Appell Kriminali – Il- Pulizija v Gaetano Schembri** –*[43]*; **Il-Pulizija v John Polidano** –*[44]*]*' (Emfazi mizjuda minn din il-Qorti u dettalji tas-sentenzi kif citati fil-bran citat jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna)

---

[41] Deciza mi-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' Marzu, 2006 (Numru: 210/2004)
[42] VOL. XXXVII – pg. 1108
[43] Deciza fis-16 ta' Marzu, 1961
[44] Deciza fit-3 ta' Novembru, 1963

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellat akkuzat Keith Lia. B'referenza ghall-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi rigwardanti sewqan b'manjiera traskurata, b'manjiera perikoluza u bla kont, din il-Qorti b'referenza senjatament ghas-sentenza gia citata fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Alfred Mifsud'**[45] filwaqt li sejra ssib lill-appellat hati tal-ewwel (1) akkuza ossia ta' sewqan b'manjiera traskurata, ma hijiex issib li hemm l-estremi ta' sewqan b'manjiera perikoluza u bla kont u ghalhekk mhijiex issib lill-Keith Lia hati tat-tieni (2) u t-tielet (3)akkuza.

Rigwardanti l-griehi sofferti tenut kont tar-raba' akkuza, il-Qorti tqis il-verbal tas-seduta ta' nhar id-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn gie ddikjarat li '*Dr. Ramona Frendo ghal Keith Lia ma hiex qeghda tikkontesta n-natura tal-griehi li sofra l-parte civile Edward Zammit u dan minghajr pregudizzju ghal kwalunke difiza illi l-istess imputat jista' jkollu fil-kamp civili u ghaldaqstant il-Qorti tezenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq bhala xhud lil Dr. Rene' Camilleri.*' Di piu', mic-certifikat mediku li jidher a fol 12 tal-process, jirrizulta li n-natura tal-griehi li sofra Edward Zammit huma ta' natura gravi u dan kif iccertifikat minn Dr Rene' Camilleri, kif anke kkonfermat mill-affidavit ta' Dr Rene' Alexander Camilleri a fol 26. Din il-Qorti qieghda ghalhekk issib lil Keith Lia hati tar-raba' (4) akkuza.

L-ufficjal prosekutur fit-trattazzjoni tiehu quddiem l-Ewwel Qorti fit-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) tratta li '*Jidher mill-filmati wkoll li s-sur Lia, effettivament ma l-istop sign,mela fejn fic-charge nidhlu li ma waqafx mal-istop, m'ghandhiex tirrizulta ghax mal-istop sign waqaf.*' Dwar dan il-punt, l-Avukat difensur trattat li '*Il-hames (5) akkuza jiena nissottometti sinjura magistrata illi nqast li tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega meta gejt biex tohrog ghal Triq Principali, hija assorbita fis-sitta (6). Il-kwistjoni tal-istop sign u allura la darba l-Prosekuzzjoni qed tikkoncedi illi s-sitt (6) wahda ma tirrizultax, m'ghandhiex tirrizulta lanqas dik.*' Din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-ahhar sottomissjoni u dan stante li minkejja li s-sitt (6) akkuza rigwardanti li naqas

[45] Deciża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju, 1997

li jieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika 'stop' evidentement ma tirrizultax, dan ma jfissirx li l-hames (5) akkuza rigwardanti n-nuqqas li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega meta kien hiereg ghal fuq triq principali ma tirrizultax. Filfatt abbazi ta' kunsiderazzjonijiet maghmulha aktar il-fuq qieghda ssib lill-appellat hati tal-hames (5) imputazzjoni rigwardanti n-nuqqas li jiehu prekawzjonijeit mehtiega meta kien hiereg ghal fuq triq principali izda ma ssibux hati tas-sitt (6) imputazzjoni.

Illi rigwardanti s-seba' (7) imputazzjoni li taqra '*kif ukoll b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habtt ma mutut Nru. DOX 001u nvolontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Security Services Ltd., San Gwann*' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti), meta xehed Joseph Psaila bhala Direttur tal-Kumpanija Security Service Malta Ltd fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) huwa kkonferma li l-mutur gie ccertifikat mill-Atlas Insurance bhala *total loss* izda huwa jghid li huwa direttur tal-Kumpanija '*Security Service Malta Ltd*' u ghalhekk isem il-kumpannija ma tikombacax mal-isem tal-kumpannija indikata fis-seba' (7) akkuza ossia 'Security Services Ltd'. Illi mill-atti ma jirrizultax li ntalbet korrezzjoni ta' din l-imputazzjoni u ghalhekk tenut kont ta' dan, din il-Qorti ma hijiex issib lil Keith Lia hati tas-seba' (7) imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi rigwardanti l-piena, la darba l-appellat Keith Lia qieghed jinstab hati tal-ewwel (1), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet, u tenut kont tan-nuqqasijiet da parti tas-sewwieq tal-mutur Edward Zammit, sejra tordna lill-imputat Keith Lia l-hlas ta' multa kumplessiva fl-ammont ta' mitejn ewro (€200). Sejra wkoll tiskwalifika lil Keith Lia mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal tmint' (8)t'ijiem kif wara kollox din il-Qorti hija obbligata bil-ligi taht l-arikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li tordna.

Ghal dawn il-motivi jidher li l-appell tal-Avukat Generali huwa in parti fondat u li l-appellat Keith Lia kellu jigu misjub hati tal-ewwel (1), ir-raba (4) u l-hames (5) akkuzi. Ghaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali bil-mod limitat

kif fuq intqal u qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha in kwantu ma sabitx lill-appellat Keith Lia hati tat-tieni (2), t-tielet (3) s-sitt (6) u s-seba' (7) akkuzi u lliberatu minnhom u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellat Keith Lia mhux hati tal-ewwel (1), ir-raba (4) u l-hames (5) akkuzi u minnflok issibu hati tal-ewwel (1), ir-raba (4) u l-hames (5) akkuzi u wara li rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 76 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 u l-artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil Keith Lia ghal multa kumplessiva ta' mitejn ewro (€200) u tiskwalifikah mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien tmint (8) ijiem minn nofs il-lejl tal-lum.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur